MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2005

Rikors Numru. 25/2005/1

Francesco Fenech (ID 663532M)

vs

Kummissarju ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrent Francesco Fenech ipprezentat fis-7 ta' Novembru, 2005 fejn espona:

Illi l-esponenti huwa s-sid ta' zewg porzjoni art fil-limiti ta' l-Imdina wahda tal-kejl ta' circa 313m² u l-ohra ta' circa 4m² li huma mehtiega ghal Skopijiet Pubblici u li l-akkwist taghhom ghandu jsir b'xi assolut taht il-Kap 88 Ligijiet ta' Malta (referenza tad-dipartiment L389/99/11/8A-8B).

Illi l-esponent gie debitament notifikat bi Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta u b'Avviz ghal Ftehim

ipprezentat f'dan il-Bord bid-data 12 ta' Frar 2003 fejn gie offert is-somma ta' Lm6,780 u Lm5.40 rispettivament.

Illi l-esponenti accetta din l-offerta permezz ta' ittra bid-data 20 ta' Frar 2003 izda ghalkemm interpellat diversi drabi l-intimat ma resaqx ghal pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv u ghal hlas tal-kumpens u danni skond il-ligi.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett kollu li dan il-Bord jaghti ordni a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap 88 fejn jigi nnominat Nutar biex jippubblika l-att relattiv u tigi ffissata l-gurnata hin u lok fejn u meta ghandu jsir.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta pprezentata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fejn espona:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors fuq citat fejn ir-rikorrent talab lil dana l-Onorabbli Bord joghgbu jaghti effett ghall-ftehim milhuq bejn il-partijiet, jinnomina nutar pubbliku, jiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att opportun, biex ikun jista' jsir il-hlas ta' kumpens  dovut lill-esponenti.

Illi l-esponent filwaqt illi ha konjizzjoni ta' dan ir-rikors jixtieq jinforma lil dana l-Onorabbli Bord illi l-Gvern qed jittratta l-kazijiet ta' hlas ta' kumpens bl-aktar espedizzjoni possibbli;

Illi ghaldaqstant m'huwiex il-kaz illi l-Gvern ma jridx jersaq ghall-kuntratt u ghaldaqstant it-talba tar-rikorrent hija wahda frivola stante illi l-kuntratt ser jigi ppubblikat mill-aktar fis possibbli.

Ra l-artikolu 22 tal-Kap 88.

Jordna t-twettiq tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet billi jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun qed jaghmilha floku li jippubblika l-att fl-ufficcju ta' l-intimat, nhar is-16 ta'

Jannar, 2006 fil-11:15a.m., ghax-xiri assolut ta' zewg porzjonijiet art fil-limiti ta' l-Imdina tal-kejl ta' cirka 313$m^2$ u cirka 4$m^2$ rispettivament bil-kumpens ta' Lm6780 u Lm5.40 skond l-Avviz ghall-Ftehim, jahtar lil Dottor Mark Attard Montalto biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.

L-ispejjez jithallsu mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------